

Notifika minn qabel ta' konċentrazzjoni
(Każ COMP/M.5057 — Aviva/UBI Vita)

(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)

(2008/C 41/13)

1. Fis-7 ta' Frar 2008, il-Kummissjoni rċeviet notifika ta' konċentrazzjoni proposta skond l-Artikolu 4 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 139/2004 ⁽¹⁾ li permezz tagħha l-impriża Aviva Italia Holding S.p.A. ("Aviva", l-Italja), li hija proprjetà tal-grupp Aviva plc ("Aviva Group", ir-Renju Unit), takkwista fi ħdan it-tifsira ta' l-Artikolu 3(1)(b) tar-Regolament tal-Kunsill, il-kontroll kollu ta' l-impriża UBI Assicurazioni Vita S.p.A. ("UBI Vita", l-Italja), li hi kkontrollata minn UBI Partecipazioni Assicurative S.p.a. ("UBI Partecipazioni", l-Italja), permezz tax-xiri ta' ishma.

2. L-attivitajiet ta' negozju ta' l-impriżi kkonċernati huma:

— għall-impriża Aviva: Attiva fl-assikurazzjoni ġenerali u l-assikurazzjoni tal-ħajja, tiffidil għat-tul u mmaniġġjar ta' fondi,

— għall-impriża UBI Vita: attiva fl-assikurazzjoni tal-ħajja.

3. Wara eżami preliminari, il-Kummissjoni ddeċidiet li t-tranżazzjoni nnotifikata tista' taqa' fl-ambitu tar-Regolament (KE) Nru 139/2004. Madankollu, id-deċizzjoni finali dwar dan il-punt hija riżervata.

4. Il-Kummissjoni tistieden lil partijiet terzi interessati biex jissottmettu lill-Kummissjoni l-osservazzjonijiet possibbli tagħhom dwar l-operazzjoni proposta.

Il-kummenti għandhom jaslu għand il-Kummissjoni mhux aktar tard minn għaxart'ijiem mid-data ta' din il-pubblikazzjoni. Il-kummenti jistgħu jintbagħtu lill-Kummissjoni bil-faks (nru tal-faks (32-2) 296 43 01 jew 296 72 44) jew bil-posta, taħt in-numru ta' referenza COMP/M.5057 — Aviva/UBI Vita, fl-indirizz li ġej:

Il-Kummissjoni Ewropea
Direttorat-Ġenerali għall-Kompetizzjoni
Reġistru għall-Amalgamazzjonijiet
J-70
B-1049 Bruxelles/Brussel

⁽¹⁾ ĠUL 24, 29.1.2004, p. 1.